



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0127/2014

18.2.2014

RAPPORT

dwar il-wirt gastronomiku Ewropew: aspetti kulturali u edukattivi
(2013/2181(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Santiago Fisas Ayxela

WERREJ

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	12
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	14

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-wirt gastronomiku Ewropew: aspetti kulturali u edukattivi (2013/2181(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta adottata fit-tieni qari fis-6 ta' Lulju 2011 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni fuq l-ikel lill-konsumaturi (COM(2008)0040 finali)¹,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenzi u l-Kultura (UNESCO) tal-2002 dwar in-nutrizzjoni,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar il-Politika għall-Ikel u n-Nutrizzjoni għall-Iskejjel,
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2007 dwar "Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimint, il-Piż Żejjed u l-Obeżità" (COM(2007)0279),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Konferenza Ministerjali Ewropea tad-WHO dwar in-Nutrizzjoni u l-Mard li ma Jitteħidx fil-Kuntest ta' Saħħa 2020, li saret fi Vjenna fl-4 u l-5 Lulju 2013,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO għall-Ħarsien tal-Wirt Kulturali Intanġibbli, tas-17 ta' Ottubru 2003,
- wara li kkunsidra l-inklużjoni tad-dieta Mediterranja fil-Lista Rappreżentattiva tal-UNESCO tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità, tas-16 ta' Novembru 2010 u tal-4 ta' Diċembru 2013,
- wara li kkunsidra l-inklużjoni tal-ikla gastronomika tal-Franċiżi fil-Lista Rappreżentattiva tal-UNESCO tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità (Deċiżjoni 5. COM 6.14),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0127/2014),

Aspetti edukattivi

- A. billi s-saħħa u l-benesseri tal-popolazzjoni, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk futuri, huma ddeterminati mid-dieta u l-ambjent u għaldaqstant mill-metodi ta' agrikoltura, sajd u trobbija ta' bhejjem;
- B. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fl-inizjattiva tagħha tas-saħħa globali fl-iskejjel, tqis li l-iskejjel huma spazju sinifikanti għall-kisba ta' għarfien teoretiku u prattiku dwar

¹ ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 360.

is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-ikel u l-gastronomija;

- C. billi d-dieta ħażina jista' jkollha konsegwenzi drammatiċi; billi matul il-Konferenza Ministerjali Ewropea tad-WHO f'Lulju tal-2013, il-Ministri Ewropej tas-Saħħa talbu għal azzjoni koordinata "biex jiġu miġġielda l-obeżità u d-dieta ħżiena", li huma l-kawżi ta' epidemija ta' mard li ma jitteħidx bħall-problemi tal-qalb, id-dijabete jew il-kanċer;
- D. billi l-ideat stereotipiċi l-aktar komuni fis-soċjetà dwar id-dehra tal-ġisem u l-ikel jistgħu jikkawżaw disordnijiet alimentari u psikoloġiċi serji bħall-anoressja u l-bulimja; billi huwa importanti li dawn il-kwistjonijiet jiġu diskussi b'mod miftuħ, partikolarment mal-adolexxenti;
- E. billi skont il-Kunsill Ewropew għat-Tagħrif dwar l-Ikel, madwar 33 miljun ruħ fl-Ewropa kienu soġġetti għal riskji ta' nutrizzjoni ħażina fl-2006; billi s-sitwazzjoni kompliet tiggrava wara li bdiet il-kriżi;
- F. billi t-tfulija hija perjodu deċisiv għall-edukazzjoni ta' mgħiba favur is-saħħa u għarfien biex jiġi adottat stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u billi l-iskola hija post fejn tista' tittieħed azzjoni effettiva biex tiffirma l-imġiba b'saħħitha fit-tul għall-ġenerazzjonijiet futuri;
- G. billi ċ-ċentri edukattivi joffru spazji u strumenti li jistgħu jippromwovu l-għarfien u l-preparazzjoni tal-ikel u jgħinu jistabbilixxu patterns tad-dieta li flimkien mal-prattika regolari ta' attività fiżika moderata, jistgħu jgħolqu bażi għal stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa;
- H. billi l-informazzjoni, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni jiffurmaw parti mill-Istrateġija tal-UE li tappoġġja lill-Istati Membri għat-tnaqqis ta' ħsara relata mal-alkoħol (COM(2006)0625), u billi din l-istrateġija tirrikonoxxi l-patterns xierqa tal-konsum; billi fil-5 ta' Ġunju 2001, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni dwar ix-xorb tal-alkoħol miż-żgħażaġġ, partikolarment it-tfal u l-adolexxenti, li pprevediet l-adozzjoni ta' approċċ multisettorjali għall-edukazzjoni;
- I. billi, fil-laqgħa tiegħu tan-netwerk tal-Fondazzjonijiet Ewropej għan-Nutrizzjoni (European Nutrition Foundations) dwar in-"Nutrizzjoni fl-iskejjel madwar l-Ewropa u r-rwol tal-fondazzjonijiet", instabet il-ħtieġa li jiġi inkorporat l-ikel fil-kurrikuli skolastiċi, fir-rigward tal-aspetti nutrizzjonali u l-gastronomija, u kien hemm qbil unanimu biex din il-ħtieġa titwassal lil entitajiet bħall-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni;
- J. billi pajjiżi differenti, permezz ta' bosta korpi domestiċi, komplew kabbru r-rikonoxximent tad-dieta Mediterranja bħala Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità tal-UNESCO, li jirriżulta fil-promozzjoni u l-istabbiliment ta' patterns ta' mgħiba biex jiġi ggarantit stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, permezz ta' approċċ olistiku li jikkunsidra aspetti relatati mal-edukazzjoni, l-ikel, l-iskola, il-ħajja familjari, in-nutrizzjoni, it-territorju, il-pajsaġġ, eċċ.;
- K. billi d-dieta Mediterranja toffri kumbinazzjoni ta' drawwiet tal-ikel u stil ta' ħajja bilanċjata u tajba għas-saħħa li hija direttament relatata mal-prevenzjoni ta' mard kroniku u l-promozzjoni tas-saħħa, kemm fl-ambjent tal-iskola u f'dak familjari;
- L. billi l-programmi Ewropej "l-ikel fl-iskejjel" (food at school) jippruvaw jiżguraw li l-ikel

servut fil-canteens tal-iskejjel jinkludi l-elementi kollha meħtieġa għal dieta ta' kwalità għolja u bilanċjata; billi l-edukazzjoni, fis-sens l-aktar wiesa' tat-terminu, inkluż fil-qasam tal-ikel, tikkonsolida l-kunċett ta' stil ta' ħajja tajjeb ibbażat fuq dieta bilanċjata fost it-tfal tal-iskola;

- M. billi edukazzjoni serja fi kwistjonijiet nutrizzjonali tiżgura s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku għal kwistjonijiet bħall-korrelazzjoni bejn l-ikel, is-sostenibbiltà tal-ikel u s-saħħa tal-pjaneta;
- N. billi ż-żieda fil-prezzijiet tal-canteens tal-iskejjel u tal-ikel b'mod ġenerali qiegħda ċċaħħad lil bosta familji u b'mod partikolari t-tfal, mill-aċċess għal dieta bilanċjata u ta' kwalità għolja;
- O. billi fil-midja u r-reklami jħallu impatt fuq il-patterns tal-konsum;
- P. billi sabiex in-nies ikollha ċ-ċans tikseb għarfien dettaljat dwar il-prodotti użati u l-kwalitajiet intrinziċi tagħhom kif ukoll dawk tat-togħma tagħhom, huwa essenzjali li jiġu żviluppati sistemi ta' tikkettar xieraq li jipprovdi lill-konsumaturi kollha b'informazzjoni ċara dwar il-kompożizzjoni u l-orijini tal-prodotti;
- Q. billi t-taħriġ mogħti lill-ħaddiema fis-settur tal-gastronomija jikkontribwixxi għall-proċess tat-tixrid tal-għarfien dwar il-gastronomija Ewropea u l-promozzjoni, il-ħarsien u l-iżvilupp tagħha;

Aspetti kulturali

- R. billi l-gastronomija hija l-kombinazzjoni tal-għarfien, l-esperjenza, l-arti u s-snajja, li tipprovdi esperjenza tal-ikel tajjeb għas-saħħa u pjaċevoli;
- S. billi l-gastronomija tiffurma parti mill-identità tagħna u hija komponent essenzjali tal-wirt kulturali Ewropew kif ukoll tal-wirt kulturali tal-Istati Membri;
- T. billi l-UE ħeġġet l-identifikazzjoni, id-difiża u l-protezzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, denominazzjonijiet tal-orijini u speċjalitajiet tradizzjonali tal-prodotti agroalimentari;
- U. billi l-gastronomija mhix biss forma ta' arti elitista bbażata fuq il-preparazzjoni bir-reqqa tal-ikel iżda tirrifletti wkoll rikonossiment tal-valur tal-materja prima li tuża, tal-kwalità tagħha u tal-ħtieġa għall-eċċellenza fl-istadji kollha tal-ipproċessar tal-ikel, kunċett li jinkorpora r-rispett tal-annimali u tan-natura;
- V. billi l-gastronomija hija relatata mill-qrib mal-prattiki agrikoli f'reġjuni Ewropej u mal-prodotti lokali tagħhom;
- W. billi huwa importanti li jiġu ppreservati r-riti u d-drawwiet marbuta pereżempju mal-gastronomija lokali u reġjonali, u li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp tal-gastronomija Ewropea;
- X. billi l-gastronomija hija waħda mill-aktar espressjonijiet kulturali importanti tal-bniedem u li t-terminu m'għandux jinftiehem biss bħala l-hekk imsejjaħ "tisjir ta' kwalità għolja", iżda wkoll l-forom kulinari kollha mid-diversi reġjuni u klassijiet soċjali, inklużi dawk li

għejjin mit-tisjir lokali tradizzjonali;

- Y. billi s-sopravivenza tal-ikel tipiku li jiffirma parti mill-wirt kulinari u kulturali tagħna spiss huwa pperikolat mill-invażjoni tal-ikel standardizzat;
- Z. billi l-kwalità, ir-reputazzjoni u d-diversità tal-gastronomija Ewropea jeħtieġu li jiġi prodott biżżejjed ikel ta' kwalità suffiċjenti fl-Ewropa;
- Aa. billi l-gastronomija hija identifikata mill-bosta aspetti tad-dieta u billi t-tliet pilastri fundamentali tagħha huma s-saħħa, id-drawwiet tal-ikel u l-pjaċir; billi f'bosta pajjiżi l-arti kulinari hija aspekk importanti mill-ħajja soċjali u tgħin biex tressaq in-nies lejn xulxin; billi l-esperjenza tal-kulturi gastronomiċi differenti hija forma waħda ta' skambju u kondiviżjoni kulturali; billi għandha wkoll influwenza pożittiva fuq ir-relazzjonijiet soċjali u tal-familja;
- Ab. billi r-rikonoxximent mill-UNESCO tad-dieta Mediterranja bħala wirt kulturali intanġibbli huwa importanti għaliex dan jikkunsidra li din id-dieta tiġbor fiha sett ta' għarfien, ħiliet, prattiki, ritwali, tradizzjonijiet u simboli relatati mal-uċuħ agrikoli, is-sajd u t-trobbija tal-annimali, kif ukoll mal-metodi tal-konservazzjoni, l-ipproċessar, it-tisjir, il-qsim u l-konsum tal-ikel;
- Ac. billi d-drawwiet tal-ikel tal-popli Ewropej joffru wirt soċjokulturali għani li għandha l-obbligu li nġhadu lil ġenerazzjonijiet futuri; billi l-iskejjel, kif ukoll id-djar tal-familji, huma l-postijiet ideali fejn jinkiseb dan l-għarfien;
- Ad. billi l-gastronomija qed issir element ewlieni li tattira t-turiżmu u l-interazzjoni bejn it-turiżmu, il-gastronomija, u n-nutrizzjoni qed ikollha effett estremament pożittiv fil-promozzjoni tat-turiżmu;
- Ae. billi huwa importanti li l-ġenerazzjonijiet futuri jirtu s-sensibilizzazzjoni tal-ġid tal-gastronomija tar-reġjuni tagħhom u l-gastronomija Ewropea b'mod ġenerali;
- Af. billi l-gastronomija tgħin tipromwovi l-wirt reġjonali;
- Ag. billi jeħtieġ li jiġu promossi l-prodotti lokali u reġjonali sabiex minn naħa jiġi ppreservat il-wirt gastronomiku, u min-naħa l-oħra tiġi ggarantita r-remunerazzjoni ġusta għall-produtturi u l-aċċessibbiltà tal-prodotti kkonċernati għal numru kemm jista' jkun kbir ta' nies;
- Ah. billi l-gastronomija hija sors ta' ġid kulturali kif wkoll ekonomiku għar-reġjuni tal-UE;
- Ai. billi l-wirt Ewropew huwa magħmul minn sett ta' elementi tanġibbli u intanġibbli u li, fil-każ tal-gastronomija u l-ikel, huwa magħmul ukoll mil-lokalità u l-pajsaġġ li minnhom joriġinaw il-prodotti għall-konsum;
- Aj. billi l-permanenza, id-diversità u l-ġid kulturali tal-gastronomija Ewropea huma msejsa fuq id-disponibbiltà tal-produtturi lokali ta' kwalità għolja;

Aspetti edukattivi

1. Jitlob lill-Istati Membri jinkludu l-istudju u l-esperjenza sensorjali tal-ikel, is-saħħa nutrizzjonali u d-drawwiet fl-ikel, inklużi l-aspetti storiċi, ġeografiċi, kulturali u ta' esperjenza fl-edukazzjoni skolastika miż-żmien bikri tat-tfulija bħala mezz ta' titjib tas-saħħa u l-benesseri tal-popolazzjoni, il-kwalità tal-ikel u r-rispett tal-ambjent; jilqa' l-programmi edukattivi dwar il-gastronomija fl-iskejjel f'għadd ta' Stati Membri, uħud b'kooperazzjoni ma' chefs popolari; jenfasizza l-importanza li l-edukazzjoni dwar id-drawwiet tal-ikel tajjeb għas-saħħa tiġi kkombinata ma' miżuri għall-ġlieda kontra l-istereotipi li jistgħu jikkawżaw disturbi alimentari u psikoloġiċi serji bħall-anoressija u l-bulimja;
2. Jenfasizza bl-istess mod l-importanza li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO biex jiġu miġġielda l-obeżità u d-dieta ħżiena; jesprimi tħassib dwar il-problema kontinwa ta' nutrizzjoni ħażina fl-Ewropa u dwar iż-żieda prevalenti tagħha minn mindu bdiet il-kriżi, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jagħmlu d-dieta tajba għas-saħħa għażla fattibbli għal kulħadd, pereżempju billi jiżguraw li l-canteens tal-iskejjel jew il-canteens muniċipali joffru ikel ta' kwalità għolja u jkunu miftuħa għall-pubbliku;
3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-kurrikulu skolastiku jissaħħaħ b'informazzjoni dwar il-kultura gastronomika (speċjalment flivell lokali), il-preparazzjoni, il-produzzjoni, il-konservazzjoni u l-proċessi tad-distribuzzjoni tal-ikel, l-influenzi soċjali u kulturali tal-ikel u d-drittijiet tal-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw workshops fil-kurrikuli skolastiċi tagħhom dwar l-iżvilupp tas-sensi, b'mod partikolari t-togħma, li jikkombinaw istruzzjonijiet dwar il-benefiċċji nutrittivi tal-ikel mal-għoti tal-informazzjoni dwar il-wirt gastronomiku reġjonali u nazzjonali;
4. Ifakkar li f'xi pajjiżi n-nutrizzjoni diġà hija inkorporata fil-kurrikuli skolastiċi, filwaqt li f'oħrajn mhijiex obbligatorja bħala tali, iżda hija mgħallma b'diversi modi, bħal programmi ta' awtoritajiet lokali jew korpi privati;
5. Itenni l-ħtieġa li fl-iskejjel tingħata edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni u d-dieta tajba, sana u pjaċevoli;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-isport u l-eżerċizzju fiżiku għandhom ikunu rinforzati fl-iskejjel tal-primarja u s-sekondarja madwar l-UE;
7. Ifakkar li nutrizzjoni tajba ssaħħaħ il-benesseri tat-tfal u ttejjeb il-kapaċità tagħhom għat-tagħlim, kif ukoll tagħmilhom aktar reżistenti għall-mard u tgħinhom jiżviluppaw b'mod b'saħħtu;
8. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-drawwiet fl-ikel waqt it-tfulija jistgħu jinfluwenzaw il-preferenzi u l-għażliet tal-ikel – u l-metodi tat-tisjir u tal-konsum tal-ikel – fil-ħajja adulta u li t-tfulija hija għaldaqstant l-aħjar żmien biex teduka s-sens tat-togħma tal-persuna, u l-iskola hija opportunità ideali li tintroduċi d-diversità tal-prodotti u l-gastronomiji lill-istudenti;
9. Iqis li l-programmi għandhom jiġu offruti bil-għan li jipprovdu edukazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi tal-konsum tal-alkoħol mhux xieraq u li jinkoraġġixxu xejriet ta' konsum xierqa u intelliġenti permezz ta' fehim tal-karatteristiċi

speċjali tal-inbejjed, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħhom (GIs), il-varjetajiet ta' għeneb, il-proċessi ta' produzzjoni u t-tifsira tat-termini tradizzjonali;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi proġetti li jinvolvu skambji ta' informazzjoni u prattiki fil-qasam tan-nutrizzjoni, l-ikel u l-gastronomiji, pereżempju bħala parti mill-fergħa ta' Comenius (edukazzjoni skolastika) tal-programm Erasmus+; jitlob barra minn hekk lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jippromwovu l-iskambju interkulturali fis-setturi relatati mal-forniment tal-ikel, l-ikel u l-gastronomija, billi jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offerti mill-programm Erasmus+ għal taħriġ ta' kwalità għolja, mobilità u apprendistati għal studenti u professjonisti;
11. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-edukazzjoni fin-nutrizzjoni u l-gastronomija, inkluż ir-rispett tan-natura u l-ambjent, għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni tal-familji, l-għalliema, il-komunità edukattiva, il-kanali ta' informazzjoni u l-professjonisti tal-edukazzjoni kollha;
12. Jenfasizza l-utilità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) bħala għodda edukattiva biex tgħin fit-tagħlim; iħeġġeġ il-ħolqien ta' pjattaformi interattivi biex jiffaċilitaw l-aċċess u t-tixrid tal-wirt gastronomiku Ewropew, nazzjonali u reġjonali biex jiġu promossi l-preservazzjoni u t-trażmissjoni tal-għarfien tradizzjonali bejn professjonisti, ħaddiema artiġjanali u ċittadini;
13. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jqisu kontroll aktar strett ta' kontenut u r-reklami dwar prodotti tal-ikel, speċjalment fir-rigward tan-nutrizzjoni;
14. Ifakkar lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-reklamar u l-isponsorizzazzjoni tal-junk food jiġu projbiti fl-iskejjel;
15. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw taħriġ xieraq għall-għalliema, b'kollaborazzjoni man-nutrizzjonisti u t-tobba, sabiex ikunu jistgħu jgħallmu kif xieraq ix-xjenzi tal-ikel fl-iskejjel u l-universitajiet; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nutrizzjoni u l-ambjent huma dipendenti minn xulxin u jitlob ukoll għaldaqstant għall-aġġornament tal-għarfien dwar l-ambjent naturali;
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeżaminaw programmi għal taħriġ għall-professjonisti tal-gastronomija; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu dan it-taħriġ; jenfasizza l-importanza li dan it-taħriġ ikopri l-gastronomija lokali u Ewropea, id-diversità tal-prodotti u l-proċessi ta' preparazzjoni, il-produzzjoni, il-konservazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel;
17. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ għall-professjonisti tal-gastronomija li jenfasizza l-ikel "magħmul fid-djar" (homemade) kif ukoll dak lokali;
18. Jistieden lill-Istati Membri jaqsmu l-għarfien u l-aħjar prattiki fl-attivitajiet relatati mal-gastronomija fl-edukazzjoni u jippromwovu s-sensibilizzazzjoni gastronomika f'reġjuni varji; jitlob ukoll skambju tal-aħjar prattiki jew biex jiġi kkunsidrat it-tqassir tal-katina alimentari billi jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-prodotti lokali staġjonali;
19. Jenfasizza l-ħtieġa tal-użu ta' programmi ta' finanzjament skont il-politika agrikola

komuni għall-2014-2020 bil-għan li jkun promoss l-ikel tajjeb għas-saħħa fl-iskejjel;

20. Ifakkar li l-valur mogħti mir-rikonoxximent tad-dieta Mediterranja u tal-ikel gastronomiku tal-Franċiżi bħala Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità mill-UNESCO wassal għat-twaqqif ta' istituzzjonijiet u korpi li jippromwovu l-għarfien, il-prattika, l-edukazzjoni fir-rigward tal-valuri u d-drawwiet ta' dieta tajba għas-saħħa u bilanċjata;

Aspetti kulturali

21. Jenfasizza l-ħtieġa li tinholq sensibilizzazzjoni għad-diversità u l-kwalità tar-reġjuni, il-pajsaġġ u l-prodotti li huma l-bażi tal-gastronomija Ewropea, li tiffirma parti mill-wirt kulturali tagħna u li tinkludi wkoll stil ta' ħajja uniku u rikonoxxut internazzjonalment; jenfasizza li dan xi kultant jeħtieġ ir-rispett għad-drawwiet lokali;
22. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-gastronomija hija strument li jista' jkun użat biex jiżviluppa t-tkabbir u l-impjiegi f'firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi, bħall-industrija tar-ristoranti, tat-turiżmu, dik agroalimentari u tar-riċerka; jinnota li l-gastronomija tista' wkoll tiżviluppa sens qawwi favur il-protezzjoni tan-natura u tal-ambjent li jiggarantixxi toġhma aktar awtentika fl-ikel u li dan jiġi proċessat b'inqas addittivi jew preservattivi;
23. Jenfasizza l-importanza tal-gastronomija fil-promozzjoni tas-settur tal-ospitalità madwar l-Ewropa u viċe versa;
24. Jirrikonoxxi r-rwol li għandhom ix-chefs kwalifikati professjonalment fil-preservazzjoni u l-esportazzjoni tal-wirt gastronomiku tagħna u l-importanza li nżommu l-kompetenza kulinarja tagħna bħala fattur ewlieni li jżid valur kemm fil-livell edukattiv kif ukoll f'dak ekonomiku;
25. Jilqa' inizjattivi għall-promozzjoni tal-wirt gastronomiku tal-Ewropa, bħall-fieri u l-festivals gastronomiċi lokali u reġjonali li jsaħħu l-kunċett ta' prossimità bħala element ta' rispett għall-ambjent u tal-madwar tagħna u li jiggarantixxu fiduċja ikbar tal-konsumatur; iħeġġeġ l-inklużjoni ta' dimensjoni Ewropea f'dawn l-inizjattivi;
26. Jilqa' t-tliet skemi tal-UE relatati mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u speċjalitajiet tradizzjonali magħrufa bħala denominazzjoni protetta ta' orġini (DPO), indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) u speċjalità tradizzjonali garantita (STG), li jsaħħu l-valur tal-prodotti agrikoli Ewropej fil-livell tal-UE u dak internazzjonali; jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jiżviluppaw tikketti DPO, speċjalment tikketti DPO komuni għal prodotti tal-istess tip li jinħarġu minn żoni ġeografiċi transkonfinali;
27. Jilqa' l-inizjattivi bħall-moviment "slow food", li jgħin joħloq l-apprezzament tal-pubbliku ġenerali tal-importanza soċjali u kulturali tal-ikel, kif ukoll l-inizjattiva "Wine in Moderation" li tippromwovi stil ta' ħajja u livell tal-konsum tal-alkoħol assoċjat mal-moderazzjoni;
28. Jenfasizza wkoll ir-rwol li jiżviluppaw l-Akkademji tal-Gastronomija, il-Federazzjoni Ewropea għall-Fondazzjonijiet ta' Nutrizzjoni u l-Akkademja Internazzjonali tal-Gastronomija bbażati f'Pariġi, fl-istudju u t-tixrid tal-wirt gastronomiku;

29. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw politiki maħsuba għat-tiġib kwalitattiv u kwantitattiv tal-industrija gastronomika per se u fir-rigward tal-kontribuzzjoni tagħha għat-turiżmu, fil-qafas tal-iżvilupp kulturali u ekonomiku tar-reġjuni;
30. Jenfasizza li l-gastronomija hija esportazzjoni kulturali qawwija għall-UE u l-Istati Membri individwali;
31. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi marbuta mal-agrituriżmu li jrawmu l-għarfien tal-wirt kulturali u tal-pajsaġġ, joffru appoġġ reġjonali u jippromwovu l-iżvilupp rurali;
32. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw l-aspetti kulturali tal-gastronomija u jrawmu drawwiet tal-ikel li jippreservaw is-saħħa tal-konsumaturi, iżidu l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' kulturi u jippromwovu r-reġjuni, filwaqt li jinżamm il-pjaċir li tiekol, l-aspett konvivjali u soċjali;
33. Jistieden lill-Istati Membri jikkollaboraw flimkien u jappoġġjaw l-inizjattivi għaż-żamma tal-kwalità għolja, id-diversità, l-eteroġeneità u l-uniċità tal-prodotti tradizzjonali, lokali, reġjonali u nazzjonali biex jiġġieldu kontra l-omoġenizzazzjoni li fil-futur se jnaqqas il-wirt gastronomiku Ewropew;
34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex l-importanza tal-appoġġ għal produzzjoni tal-ikel Ewropew sostenibbli u varjat u ta' kwalità għolja jagħmluha parti integrali mir-riflessjonijiet tagħhom dwar il-politika tal-ikel, bil-għan li jappoġġjaw id-diversità kulinarja Ewropea;
35. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri għar-rikonoxximent u t-tikkettar tal-produzzjoni tal-ikel Ewropea biex isaħħu l-valur ta' dawk il-prodotti, jipprovdu informazzjoni aħjar lill-konsumaturi u jipproteġu d-diversità tal-gastronomija Ewropea;
36. Jinnota li huwa importanti li l-valur tal-prodott gastronomiku ta' kwalità għolja jiġi rikonoxxut u msaħħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni tal-informazzjoni għall-konsumaturi mill-fornituri tal-ikel dwar il-platti ppreparati bi prodotti nejjin fuq il-post;
37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jeżaminaw l-impatt tal-liġijiet li jadottaw dwar il-kapaċità, id-diversità u l-kwalità tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE u biex jieħdu miżuri biex jiġġieldu kontra l-falsifikazzjoni tal-prodotti;
38. Jappoġġja inizjattivi bħal dawn li jistgħu jkunu żviluppanti mill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jippromwovu u jippreservaw it-territorji, il-pajsaġġi u l-prodotti kollha li jiffurmaw il-wirt gastronomiku lokali; iħeġġeġ lir-reġjuni jippromwovu gastronomija lokali u djetetika fl-iskejjel u forniment tal-ikel kollettiv b'assoċjazzjoni ma' produttori lokali sabiex jippreservaw u jtejbu l-wirt gastronomiku reġjonali, jistimulaw l-agrikoltura lokali u jqassru l-ktajjen tal-provvista;
39. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jippreservaw il-wirt Ewropew relatat mal-gastronomija, bħall-protezzjoni tal-wirt arkitettoniku ta' swieq tradizzjonali tal-ikel, il-

fabbriki tal-inbid jew faċilitajiet oħra kif ukoll tal-ġhodod u makkinarju relatat mal-ikel u l-gastronomija;

40. Jenfasizza l-importanza tal-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni, it-trażmissjoni u t-tixrid tal-ġid kulturali tal-gastronomija Ewropea; iħeġġeġ it-twaqqif ta' osservatorju Ewropew tal-gastronomija;
41. Jissuġġerixxi lill-Kummissjoni tinkludi l-gastronomija Ewropea fil-programmi u l-inizjattivi kulturali tagħha;
42. Jilqa' l-inklużjoni tal-ikla gastronomika tal-Franċiżi, id-dieta Mediterranja, il-kejk tal-ġinġer Kroat u t-tisjir tradizzjonali Messikan fil-Lista Rappreżentattiva tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità tal-UNESCO, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jitolbu l-inklużjoni tat-tradizzjonijiet u l-prattiki gastronomiċi tagħhom fil-Konvenzjoni għas-Salvagwardja tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-UNESCO sabiex jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tagħhom;
43. Jissuġġerixxi lill-ibliet Ewropej jippreżentaw il-kandidatura tagħhom għall-Belt tal-Gastronomija tal-UNESCO, fi ħdan il-programm tan-Netwerk tal-Bliet Kreattivi;

o

o o

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

L-evoluzzjoni li seħħet fis-snin riċenti enfasizzat li l-ikel mifhum fis-sens aktar estiż tiegħu għandu importanza estremament importanti fis-soċjetà tal-lum.

Min-naħa waħda, fil-qafas tal-Għanijiet tal-Millennju, għandu jsir sforz akbar biex jintemmu l-għuh u l-problemi tal-ilma tax-xorb f'dawk il-pajjiżi kollha li għadhom ibatu minn din il-pjaga tal-umanità, li hija assolutament inaċċettabbli fis-seklu XXI.

Madankollu, min-naħa l-oħra, huwa sorprendenti li, f'pajjiżi żviluppati b'livelli ekonomiċi aċċettabbli, minħabba nuqqas ta' kultura u/jew ta' edukazzjoni, l-ikel sar kawża ewlenija ta' mard u patoloġiji li jiġġeneraw spejjeż straordinarji fil-kura tas-saħħa pubblika jew privata.

Filfatt, dieta inadegwata hija l-kawża ewlenija tal-obeżità, l-anoressja, il-mard kardjovaskulari, id-dijabete, il-problemi fl-istonku, eċċ.

Naturalment, id-dieta ħażina mhijiex l-unika problema. In-nuqqas tal-eżerċizzju fiżiku, il-konsum ta' prodotti ta' ħsara bħad-drogi, l-alkoħol eċċessiv jew it-tabakk u n-nuqqas tal-kontroll emozzjonali wkoll għandhom influwenza kbira fuq dawn il-patoloġiji kollha.

Iżda, mingħajr ebda dubju, l-ikel huwa l-element ewlieni.

Jekk huwa mixtieq li jiġu evitati spejjeż straordinarji u li huma diffiċli biex jinkisbu, inkluż fis-soċjetajiet l-aktar żviluppati, għall-kura tal-mard u l-patoloġiji li jirriżultaw minn dieta ħażina, huwa assolutament essenzjali li, fil-bosta sistemi edukattivi nazzjonali, jiġu inkorporati t-tagħlim dwar id-dieta u n-nutrizzjoni, workshops dwar il-palat u l-għarfien u l-kultura tal-ikel u l-gastronomija.

Barra minn hekk, huwa evidenti li fil-gastronomija, it-tisjir sar forma ta' espressjoni artistika u kulturali dejjem aktar importanti; fejn l-ikel u l-ikel ta' kwalità għolja huwa wieħed mill-pilastru ewlenin tar-relazzjonijiet soċjali u familjari u li, naturalment, is-sodisfazzjon fil-ħin tal-ikel hija essenzjali mill-aspett tas-sensi iżda, ukoll, mill-aspett psikoloġiku peress li huwa element sostanzjali ta' bilanċ psikoloġiku u emozzjonali.

Fl-aħħar nett, huwa ċar li l-gastronomija saret element essenzjali għat-turiżmu u li finalment, filwaqt li hemm bosta inċentivi għat-turiżmu u l-ivjaġġar, il-pjaċir ta' ikel bnin huwa dejjem element importanti tal-esperjenza.

Sabiex l-ikel nutrizzjonali u dak gastronomiku jissodisfaw ir-rwol li għandhom fis-soċjetajiet tal-lum, l-iktar ħaġa importanti huwa importanti ħafna li jinħolqu edukazzjoni u kultura xierqa.

Għaldaqstant, jidher assolutament xieraq li fis-soċjetajiet tas-seklu XXI, l-edukazzjoni tal-ikel, in-nutrizzjoni u t-togħma, jiġifieri, l-edukazzjoni dwar il-gastronomija tal-ikel, tkun inkorporata bħala komponent essenzjali u obligatorju fis-sistemi edukattivi tal-pajjiżi Ewropej kollha.

Għalhekk, huwa ta' importanza vitali li l-Unjoni Ewropea tiżviluppa politiki għall-
edukazzjoni fl-ikel u l-gastronomija.

Ma jagħmilx sens li l-istudenti tagħna, jiddedikaw snin, xhur, jiem u sigħat għall-istudju ta' ħafna suġġetti u ma jiddedikawx il-ħin meħtieġ biex jitgħallmu jieklu fl-aspetti kollha, nutrizzjonali u tad-dieta, soċjali u kulturali, tas-sensi u gastronomiċi.

Barra minn hekk, din l-edukazzjoni ma tistax tkun biss teoretika għax is-suġġetti kollha tas-sensi jeħtieġu l-esperjenza u l-prattika. Għalhekk, flimkien mat-tagħlim tal-għarfien teoretiku meħtieġ, huwa essenzjali li l-istudenti tagħna jesperjenzaw, jipprattikaw u jedukaw ruħhom fit-togħma, il-mess, u x-xamm, sabiex ikunu jistgħu jgawdu ikla bis-sensi li, fl-istess ħin, tkun tajba għas-saħħa.

L-għan ewlieni tal-edukazzjoni u tal-kultura tal-ikel tas-seklu XXI għandu jkun li juri u jikkonvinċi lil kulħadd, żgħar u kbar, li huwa assolutament kompatibbli, u obbligatorju wkoll, li tiekol ikel bnin u tajjeb għas-saħħa.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Mary Honeyball, Emma McClarkin, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Monika Panayotova, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Helga Trüpel, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Heinz K. Becker, Ivo Belet, Iosif Matula, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Isabelle Thomas
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jens Geier